**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)**

**Kumpilazzjoni Nru. 485/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Wayne Camilleri)**

**vs**

**Kurt Galea**

**Illum, 4 ta' Diċembru, 2023**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Kurt Galea ta' 26 sena, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 507691M, li permezz taghhom gie akkuzat :

> *"...akkużat talli nhar it-28 ta' Lulju 2018, xi hin wara l-erbgha ta filghodu (04:00hrs) ġewwa l-istabilliment Gianpula, limiti tar-Rabat (Malta), u/jew fil-vicinanzi;*
>
> *1) Minghajr il-hsieb li toqtol jew tqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkagunajt ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Thomas Camilleri, u dan ai terminu ta' Artikoli 214, 216 (1) ta Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2) U aktar talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. C. Peralta LL.D nhar it-18 ta' Ottubru 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula."*

Rat id-dokumenti ezebiti;

Semghet il-provi prodotti;

Rat l-artikoli indikati mill-Avukat Generali u cioè l-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv), 216(1)(b), 216(1)(c), 216(1)(d), 218(1)(a)(b), 218(2), 49, 50, 17, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

<u>**Provi mressqa**</u>

**Spettur Wayne Camilleri** xehed li fit-28 ta' Lulju, 2018, fil-11.00am, gie nfurmat mill-Pulizija tal-Ghassa tar-Rabat, li kien dahal rapport minn certu Thomas Camilleri li kien iddahhal l-isptar u kien qed jircievi xi trattament minhabba xi griehi li kien sofra iktar kmieni. Spjega li huwa gie nfurmat li dawn il-griehi gew ikkawzati gewwa l-istabbiliment Gianpula. Spjega li Thomas Camilleri kien qed isofri minn griehi gravi. Qal ukoll li Thomas Camilleri kien qallu li kien wegghu Kurt Galea. Sostna li meta huwa baghat ghal Kurt Galea, dan ammetta li kien wegga' lil Thomas Camilleri u li dan gara, peress li Thomas kien ittantalu lit-tfajla. Ikkonferma li Kurt Galea kkopera mal-Pulizija u kien anke spjega li Thomas Camilleri kien gibed lit-tfajla tieghu u anke waqqaghha mal-

art fuqu. Ikkonferma wkoll li Kurt Galea kien spjega, li huwa kien mar jipprova jghin lit-tfajla tieghu titla' mill-art.

Spjega wkoll li t-tfajla ta' Kurt Galea kkonfermat, li hija ma kinitx tafu lil Camilleri, u li dan kien qabadha u beda jigbidha lejn grupp ta' guvintur. Spjega li t-tfajla qalet li dan kien qed isir kontra l-volontà taghha. Ikkonferma wkoll li Kurt Galea kien qal li ta daqqa wahda biss lil Thomas Camilleri, sabiex dan jitlaq it-tfajla. Ikkonferma li Thomas Camilleri kien spjega, li din it-tfajla kienet habiba ta' habiba tieghu, u li din kienet bdiet tghajjat "stop, stop". Spjega li fejn gara l-incident, ma kien hemmx CCTV cameras. Sostna li t-tfajla ma kinitx ghamlet rapport fuq l-agir ta' Thomas Camilleri.

**Dr Daniela Tonna** kkonfermat il-kontenut tac-certifikat mediku, u li kienet invistat lil Thomas Camilleri fit-28 ta' Lulju, 2018, filwaqt li kkonfermat li l-griehi kienu ta' natura gravi. Bhala griehi, Camilleri sofra minn tbengil fuq imniehru, tbengil fuq il-haddejn tax-xellug u qasma ta' 1cm, kif ukoll brix fuq irkopptu u fuq il-pala ta' saqajh fuq in-naha tal-lemin. Kellu wkoll brix fuq in-naha ta' wara tal-minkeb fuq in-naha tax-xellug. Instab minn CT scan, li kellu *comminuted fracture* tan-*nasal bone.* Sostniet li hija ma regghetx rat lil pazjent, izda dan gie riferut ghal ENT Department.

**Philip Mifsud Bonnici** spjega li fit-28 ta' Lulju, 2018, huwa kien party go Gianpula u kien sejjer lejn il-karozza. Huwa kien miexi ftit 'il quddiem hdejn shabu. Spjega li huwa dar sabiex jara fejn huma shabu u jara lil Thomas Camilleri ma' l-art. Spjega li mar biex jghinu u ra d-demm hiereg minn imniehru. Spjega li hu ra lil Camilleri gharkobbtejh u fuq il-minkeb. Spjega li meta beda jipprova jghinu, dan beda jintelaq u ntilef minn sensih f'idejh. Qal li dak il-hin, beda hiereg hafna demm u poggewh *recovery position,* filwaqt li ghamlulu ftit *first aid.* Spjega li kien hemm tabib hemmhekk li beda jghin. Spjega li l-ambulanza giet madwar nofs siegha wara, u huwa beda jisma' x'qed jghidu n-nies dwar x'gara u ma garax.

Huwa sostna li beda jisma' lin-nies isemmu lil Kurt Galea, izda huwa ma kienx rah lil Kurt Galea. Spjega li mbaghad gie avvicinat minn certu Peter Mizzi, li kien qallu li kien ra x'gara. Huwa kkonferma li kien qieghed ma' Thomas, Gianpula, u kienu damu hemm sakemm ghalaq. Ikkonferma li huwa kien miexi 'il quddiem minn Thomas. Sostna li

huwa la sema l-incident, u lanqas ra l-incident isehh. Huwa cahad li kien xorob l-alkohol dakinhar.

F'seduta ohra, xehed Philip Mifsud Bonnici li spjega li huwa ma kienx saqsa d-dettalji tat-tabib, li kien ta l-ewwel ghajnuna lil Thomas Camilleri fil-car park ta' Gianpula stess.

In kontroezami, huwa kkonferma li kien ma' grupp ta' madwar 15-il persuna f' Gianpula. Huwa ma kienx jaf lil Kurt Galea, u dan ma kienx hareg mieghu u mal-hbieb tieghu. Spjega li huwa kien jaf min hi Giselle Spiteri. Spjega li huwa qatt ma kien kellimha. Cahad li huwa qal li kien jixtieq lil din it-tfajla. Huwa sostna li lil Giselle Spiteri, ma rahiex fil-club. Ikkonferma li huwa habib ta' Thomas, u kien mar mieghu l-isptar. Spjega li huwa ra lil Thomas fuq irkupptejh, b'id wahda jzomm wiccu u bl-ohra jipprova jzomm il-bilanc. Ikkonferma li jista' jkun li l-grupp tal-hbieb kienu ltaqghu, qabel ma' mar huwa stess f'Gianpula. Spjega li huwa ma kienx xorob ghax kellu jsuq. Spjega li huwa ma jafx kemm kien xorob Thomas, izda kien rah jiehu drink. Spjega li fejn ra lil Thomas kien hemm bizzejjed dawl. Qal li huwa kien l-ewwel wiehed li mar fejn Thomas. Spjega li hadd ma qallu li kien hemm tfajla mal-art.

**It-Tabib Imeo Ben Moussa** pprezenta affidavit, fejn spjega li huwa ma kellu l-ebda kuntatt jew ezamina lil Thomas Camilleri.

L-istess tabib xehed *viva voce*, fejn spjega li kien hemm Junior Doctor li kien ra lil Thomas Camilleri fl-ENT ward u li dan kellu ksur fl-ghadam tal-imnieher. Sostna li meta ppruvaw ipoggu l-ghadam f' postu, ma kienx irnexxilhom u ghalhekk gie msejjah. Sostna li huwa kien irriduca l-ksur tal-ghadam wara li ra s-CT scan. Sostna li l-pazjent kien mar l-*Outpatients,* u peress li l-ksur kien beda jghaqad, inqalghet l-isplint u gie *discharged* min-naha tal-ENT.

Sostna li meta pazjent ikollu l-ghadam tal-imnieher li ccaqqlaq, l-imnieher jigi mcaqlaq bi pressa tas-swaba lejn naha biex l-ghadam jerga' jigi qisu f'postu u jfiq f'dik il-pozizzjoni. Sostna li mbaghad titpogga *nasal splint* halli jzomm l-ghadam, ghal perijodu ta' bejn hames sa sebat ijiem. Sostna li hekk sar f'dan il-kaz, ghaliex kien hemm ksur frisk

u kellu nefha mit-trawma li kien qala'. Spjega li l-griehi kienu kompatibbli ma' daqqa li l-pazjent qala' fuq l-imnieher, li rrizultat fi ksur. Sostna li dan kien kaz ta' *comminuted fracture*, ghaliex l-ghadma xxellfet f'postijiet differenti u mhux f'post wiehed biss.

F'seduta ohra, huwa kkonferma d-dokumenti, konsistenti f'notamenti medici. Huwa kkonferma li kien sar CT scan tal-wicc. Sostna li ma kienx hemm ksur fix-xedaq. Sostna li kien hemm difett zghir fis-sinna ta' fuq tal-lemin. Qal ukoll li kien intalab jikkonsulta ma' tabib tal-ghajnejn, peress li kien hemm ftit hmura fl-ghajnejn. Ikkonferma li sarulu testijiet tad-demm.

**Giselle Spiteri** xehdet li fit-28 ta' Lulju, 2018, ghal-habta tal-erbgha ta' filghodu, l-imputat u hi kienu hergin minn Gianpula. Spjegat li l-imputat kien miexi quddiemha u hija kienet miexja ftit warajh. Kompliet tghid li f'daqqa wahda, gie dan il-guvni qisu biex ikellimha. Spjega li hija qatt ma kienet ratu qabel. Spjegat li dan dawwar idejh maghha biex hija tigi qrib tieghu. Spjega li dan il-guvni beda jkellimha qisu jafha, peress li anke sejhilha b'isimha, izda hija qatt ma kienet ratu qabel. Spjegat li dan qisu beda jehodha u jmexxiha lejn id-direzzjoni opposta ta' fejn kienet sejra. Spjegat li kien qed imexxiha lejn id-direzzjoni ta' xi hbieb tieghu. Spjegat li hija ma kinitx qed thossha komda f'din is-sitwazzjoni, u ppruvat tigbed l-attenzjoni ta' Kurt Galea.

Kompliet tghid li dan induna u mar biex jara x'kienet is-sitwazzjoni. Spjegat li tahseb li Thomas Camilleri ma fehemx li hija kienet skomda b'dan l-attaggjament tieghu. Qalet li Kurt Galea pprova jnehhi idejn Thomas minn maghha, izda dan Thomas Camilleri waqa' mal-art u gibed lilha mieghu. Qalet li Kurt ghinha biex titla' u hija telqet 'l hemm. Spjegat li hija spiccat waqghet fuq Thomas, u x'hin Kurt ghinha biex titla', hija telqet 'l hemm u lanqas biss harset lura. Sostniet li hija ma tafx x'ghamel Thomas u ma tafx x'ghamel Kurt. Sostniet li hija lanqas taf kif ingabret lura d-dar. Sostniet li ghalfejn waqa' Thomas ma tafx, izda li taf hu li Kurt ipprova jnehhi idejn Thomas minn maghha.

Hija kkonfermat li Kurt Galea kien miexi quddiemha sabiex imur ghal karozza u jsuqha fejnha, peress li l-art hemmhekk ma tantx hija dritta biex timxi. Ikkonfermat li hija ma kinitx taf lil Thomas Camilleri, ghalkemm dan kien ghajtilha b'isimha. Spjega li Thomas dawwar idejh madwar spallejha, u hija ma setghetx timbuttah minn maghha. Sostniet li

beda jmexxiha f'direzzjoni ohra. Ikkonfermat li dan il-post kien mudlam u hi ma riditx tmur fejn dawn il-guvintur. Hija ppruvat tigbed l-attenzjoni ta' Kurt Galea biex jghinnha tinhall minn Thomas Camilleri. Sostniet li Thomas Camilleri bhal donnu ma fehemx li hija ma kinitx komda. Sostniet li Thomas Camilleri kien jidher li xorob. Tenniet li meta Kurt ipprova jnehhi idejn Thomas minn maghha, Thomas waqa' mal-art u gibed lilha mieghu. Sostniet li jista' jkun li kien Kurt stess li wassalha d-dar.

F'seduta ohra, hija spjegat li kien hemm hafna nies mal-madwar, ghaliex kien hemm hafna nies hergin mill-club. Spjegat li hija dawwret wiccha n-naha l-ohra, ezatt kif qabdet il-glieda. Spjegat li qisha anticipat x'kien ser jigri.

**Diego Borg** xehed li huwa kien bilqeghda fejn hemm cint abjad, u ra lil Thomas Camilleri miexi ma' Giselle Spiteri, fid-direzzjoni tal-parkegg. Qal li f'daqqa wahda ra lil Kurt Galea jmur ghal Thomas, u mbuttah mal-art. Qal li Thomas waqa' fuq dahru. Sostna li mbaghad Kurt u Thomas skambjaw xi kliem bejniethom. Kienu jidhru li qed jargumentaw bejniethom. Spjega li mbaghad Kurt ixxuttja daqqa ta' sieq f'wicc Thomas Camilleri. Bid-daqqa, Thomas deher li ntilef minn sensih, filwaqt li Kurt harab jigri. Sostniet li ngabret folla madwar Thomas u huwa ma baqax jara x'kien qed jigri.

Spjega li huwa jiftakar lil Giselle Spiteri tghajjat "stop" zgur. Spjega li wara l-konfront, Giselle Spiteri kienet tidher emozzjonata. Sostna li huwa ma kienx jaf lil Thomas Camilleri, mentri lil Kurt Galea u lil Giselle Spiteri kien jafhom minn wicchom. Sostna li Giselle ghajtet "*stop*" biex Kurt jieqaf mill-aggressjoni. Sostniet li Thomas u Giselle kienu mexjin hdejn xulxin. Sostna li dawn kienu mexjin qishom bhal hbieb, izda ma kinux maqbudin ma' xulxin.

**Dottor Matthew Zammit** ipprezenta affidavit, fejn spjega li l-pazjent kien intilef minn sensih meta pogga bilqeghda fl-*examination room* tal-ENT, izda mbaghad beda jirrispondi ghal vuci. Spjega li rrizulta li kellu ksur fl-ghadam ta' mniehru.

L-istess Dottor Matthew Zammit xehed ukoll viva voce, fejn spjega li huwa beda jezamina lil Thomas Camilleri, izda dan kien intilef minn sensih, u ghalhekk kien intalab li jigi

jezamina lill-pazjent, Dr Keith Sammut. Spjega li Dr Sammut kompla jezamina lill-pazjent, u gie riferut ghal *Outpatients*.

**PC 37 David Bezzina** xehed li huwa kien xoghol l-Ghassa l-Marsa, meta rcivew telefonata minn Mater Dei, li kien hemm persuna li garrbet griehi gravi f'wiccha.

**PC 948 Christian Gauci** xehed li huwa kien tkellem ma' Thomas Camilleri li kien stqarr mieghu, li ghall-habta tal-erbgha ta' filghodu fit-28 ta' Lulju, 2018, huwa kien gewwa Gianpula u waqt li kien hiereg 'il barra mill-kumpless, Kurt Galea kien tah daqqa ta' ponn go wiccu. Qal li kulma jiftakar kien li rikeb gol-ambulanza u li kien hemm tfajla bdiet tghajjat "stop, stop". Huwa sostna li kien tkellem ma' Peter Mizzi, Philip Mifsud Bonnici, Diego Miguel Borg u Giselle Spiteri, li taw il-verzjoni taghhom dwar dan l-incident. Skont PC 948, il-verzjoni moghtija minn dawn ix-xhieda kienet, li kienu kollha hergin minn Gianpula u Thomas ipponta subghajh lejn certu Philip, u Kurt Galea kien tah daqqa ta' ponn u waqa' fl-art. Sostna li Thomas Camilleri kellu daqqiet fuq imniehru u fuq wiccu meta kellmu f'Mater Dei.

**Peter Mizzi** xehed li fit-28 ta' Lulju, 2018, ghal habta tal-erbgha ta' filghodu, huwa kien qed jistenna *taxi* fil-*car park* ta' Gianpula. F'daqqa wahda, huwa qal li ra guvni u tfajla jaqghu mal-art. Sostna li kien hemm persuna warajhom li mar biex jigbor it-tfajla, u kif il-guvni kien ghadu fl-art, din il-persuna, u cioè Kurt Galea, tatu daqqa ta' sieq go wiccu. Sostna li Thomas Camilleri kien qed jipprova jitla' minn mal-art, u Kurt Galea tah daqqa ta' sieq go wiccu. Sostna li huwa kien f'distanza ta' hamsin metro, u ma sema' l-ebda diskors. Sostna li mbaghad gew hafna nies u li l-incident dam qisu ftit minuti. Sostna li huwa ma jafx ghaliex waqghu dawn iz-zewg persuni.

F'seduta sussegwenti, Peter Mizzi kkjarifika li huwa ra lil Kurt Galea jaghti daqqa ta' sieq f'wicc Thomas Camilleri.

In kontroezami, huwa kkonferma li kien qieghed Gianpula ma' xi hbieb. Kien ma' Mark Schranz. Sostna li Thomas Camilleri m'huwiex habib tieghu, u ma kienx mieghu Gianpula dakinhar. Sostna li huwa ra lil Thomas Camilleri jaqla' daqqa ta' sieq f'wiccu.

Qal li kien miexi biex igib taxi. Sostna li huwa kien fil-parti mdawwla u li kien hemm qisu 50 metru 'il boghod bejnu u bejn Thomas Camilleri. Thomas Camilleri kien quddiemu. Sostna li Thomas Camilleri kien miexi ma' ragel u ma' mara. Sostna li dak li ra kien li f'mument minnhom, Thomas u din il-mara waqghu, u kien hemmhekk li ngibdet l-attenzjoni tieghu. Sostna li huwa rahom meta kienu qed jimxu u waqghu. Qal li dawn ma kinux mexjin sod, ghaliex huwa jahseb li ghalhekk waqghu. Sostna li huwa ma semax il-kliem li ntqal. Sostna li ma kienx hemm karozzi pparkjati fejn gara l-incident. Jista' jkun li kienu fis-sakra u waqghu. Qal li huwa ma jistax jghid, jekk Thomas kellux idejh mdawwra mat-tfajla. Sostna li huwa ra kommozzjoni u li waqghu mal-art. Spjega li jiftakar huwa, li Thomas prova jqum u nghata daqqa f'wiccu. Sostna li meta nghatat id-daqqa, it-tfajla kienet già qamet u kienet qed tghajjat, ghaliex huwa seta' jisma' l-ghajjat. Sostna li huwa ma jafx jekk Thomas kienx qed jipprova jkompli jzomm lit-tfajla. Sostna li jista' jkun li r-ragel li ta daqqa lil Thomas, kien qed jipprova jwaqqaf lil Thomas milli jkompli jigbed lit-tfajla. Ikkonferma wkoll li kienet biss daqqa wahda, ghaliex Thomas Camilleri ntilef minn sensih. Ikkonferma wkoll li t-tfajla baqghet sejra ma' dan ir-ragel, u ma baqghetx ma' Thomas. Qal li huwa mbaghad kien mar jara xi gralu Thomas.

**Justin Agius** xehed li huwa dentist u li ezamina lil Thomas Camilleri fit-3 ta' Awwissu, 2018. Spjega li dan kellu trawma f'wiccu u kiser bicca minn sinna. Qal li kellu wkoll tbengil f'halqu.

**PS267 Anthony Cassar** xehed li r-rapport dwar dan l-incident, gie mdahhal minn PC 37 fuq ordnijiet tieghu.

**PC 1056 Carl Debono** xehed li fit-28 ta' Lulju, 2018, huwa gie nfurmat biex imur Mater Dei u kien wassal lil PC 948 hemmhekk.

**Mr Eric Farrugia** spjega li huwa Konsulent tal-ENT f'Mater Dei, u jara l-pazjenti wkoll b'mod privat f'St. James. Qal li kien ra lil Thomas Camilleri fis-7 ta' Settembru, 2018, fil-Clinic ta' St James. Sostna li dan kien sofra griehi f'wiccu fit-28 ta' Lulju, 2018. Sostna li dan kellu *minimal deformity*. Sostna li n-nifs kien tajjeb u x-xamm kien tajjeb. Sostna li minn lat kosmetiku, tant id-dizabilità kienet zghira, li huwa tah parir sabiex ma jaghmel

xejn, ghaliex iktar kien hemm konsegwenzi mill-operazzjoni, milli ser jirbah mid-difett li ghandu. Sostna li d-*deformity* tibqa' hemmhekk, imma hija kklassifikata bhala *minimal* jew *minor.* Sostna li hemm daqsxejn ta' sfregju f'wiccu li ser jibqa', peress li ghandu *deformity* tal-imnieher lejn il-lemin. Sosnta li dan l-isfregju huwa kompatibbli ma' *blunt trauma*, jigifieri jew daqqa ta' ponn jew ta' minkeb, per ezempju.

**Thomas Camilleri** xehed li huwa kien hiereg minn Gianpula fit-28 ta' Lulju, 2018, u kien qed ikellem persuna, meta f'daqqa wahda jhoss daqqa jew imbottatura, li minhabba fiha waqa' mal-art. Spjega li rega' hass daqqa fuq wiccu. Qal li mbaghad, huwa ntilef minn sensih u qam fl-ambulanza. Spjega li kien mar l-Emergenza, fejn gew il-genituri tieghu u kien hemm xi hbieb tieghu, izda huwa kien gieli qed jintilef minn sensih u jorqod, u mbaghad jerga' jqum. Sosnta li kiem hemm tabiba li ratu u mbaghad dahal l-ENT. Sostna li wara li ttiehdu l-*X-Rays,* gie nfurmat li kellu ksur f'imniehru u li kellu *concussion*. Qal li kellu xi tbengil. Sostna li l-J*unior Doctor* fl-ENT, ipprova jirrangalu mniehru, izda mbaghad gie l-Konsulent. Qal li huwa rega' hassu hazin bl-ugiegh. Qal li ghamel lejl l-isptar ghal osservazzjoni. Sostna li huwa kien mar ghand l-Konsulent Professur Farrugia. Kellu hsieb li forsi jirranga mniehru, izda mbaghad iddecieda li le. Kien mar ukoll ghand dentist, li kien qallu li kellu ksur f'sinna. Sostna li kellu *internal bleeding* fuq in-naha tal-lemin ta' wiccu, bejn is-sinna u l-ghajnejn. Sostna li d-dentist kien qallu li dan jista' jaffettwah fil-futur.

Sostna li dakinhar huwa kien hareg ma' Luke Tabone u Philip Mifsud Bonnici. Sostna li dak il-hin qabel sehh l-incident, huwa kien qed ikellem lil Giselle Spiteri. Qal li huwa ma kienx jafha, izda din kienet habiba ta' Philip Mifsud Bonnici. Sostna li huwa mar ikellem lil Giselle dwar il-habib tieghu Philip Mifsud Bonnici. Sostna li mbaghad hass forza fuq in-naha ta' lemin ma' spalltu u ma' wiccu, filwaqt li waqa' mal-art. Sostna li huwa waqa' mal-art ghal wiccu, fis-sens li laqa' b'idejh. Qal li mbaghad ma jiftakar xejn. Sostna li huwa ma rax min kien l-aggressur. Sostna li huwa gie mitkellem mill-Pulizija fl-isptar u mbaghad kien mar ghamel rapport fl-Ghassa.

F'seduta ohra, Thomas Camilleri ezebixxa sett ta' ritratti, li kien hadhom huwa stess bejn it-28 u it-30 ta' Lulju, 2018. Dawn juru l-griehi tieghu dakinhar meta dahal l-isptar, u kif ukoll kif kienu jidhru ftit wara li hareg mill-isptar.

In kontroezami, huwa spjega li kien mar il-party qisu ghall-habta tal-ghaxra u kien ha ftit *drinks*. Sostna li huwa ma jiftakarx li dakinhar kien fis-sakra, izda ma jafx kemm ha ezattament *drinks*. Ikkonferma li huwa kien hareg ma' Luke Tabone u Philip Mifsud Bonnici. Cahad li huwa qabad lil Giselle Spiteri. Qal li huwa kien jaf lil Giselle Spiteri ghaliex il-habib tieghu Philip, kien fl-istess kors maghha. Ikkonferma li huwa u Giselle Spiteri, ma kinux tkellmu jew iltaqghu qabel. Qal li huwa mar hdejn Giselle u beda jimxi maghha barra l-club. Qal li mar jintroduci ruhu u beda jkellimha, probabli fuq Philip. Sostna li jista' jkun li kien raha lil Giselle Spiteri gewwa l-club. Jista' jkun li Philip kien jara lil Giselle bhala tifla helwa. Huwa nsista li meta mar ikellem lil Giselle, huwa raha miexja wahedha. Huwa ma jafx jghid jekk Philip Mifsud Bonnici kienx mar ikellem lil Giselle, meta din kienet gewwa l-club. Huwa cahad li din it-tfajla kienet toghgob lilu jew lil Philip.

Huwa cahad li tefa' idejh madwar din it-tfajla, u kif ukoll cahad li beda jmexxiha f'direzzjoni opposta. Insista li huwa kien qed ikellem lil Giselle fuq Philip. Qal li huwa kien ilu jkellimha ftit minuti, meta gara li gara. Huwa kkonferma li kien ra lil Giselle hierga quddiemu, u huwa kien mar jkellimha. Spjega li kienu mexjin fl-istess direzzjoni. Huwa qal li l-unika haga li jiftakar huwa, li huwa spicca mal-art izomm fuq idejh, u wiccu jhares lejn l-art. Spjega li l-forza giet minn wara. Huwa cahad li t-tfajla spiccat mal-art fuqu. Huwa cahad li gibed lit-tfajla. Cahad ukoll li kien qed izomm saqajn it-tfajla biex ma tqumx mill-art. Huwa hass il-forza fuq wiccu. Qal li huwa hass forza minn wara li waqqghetu fl-art, u ohra fuq wiccu. Qal li ma jafx jekk kinitx daqqa ta' ponn jew ta' sieq, izda mbaghad intilef minn sensih. Sostna li huwa ma semghax lit-tfajla ssejjah lil Kurt biex tattira l-attenzjoni tieghu.

Spjega li t-tfajla baqghet tkellmu. Huwa qal li ma jafx x'sar mit-tfajla, ghaliex huwa qam fl-ambulanza. Huwa sostna li lil Kurt qatt ma rah.

In riezami, huwa spjega li l-forza li hass minn wara, kienet forza bis-sahha intenzjonata li huwa jaqa'. Huwa spjega li ma sema' l-ebda ghajjat jew dagha, mid-direzzjoni minn fejn kienet gejja din il-forza. Sostna li bid-daqqa li qala' f'wiccu, huwa spicca ntilef minn sensih.

**Dr Keith Sammut** spjega li huwa kien ra lil Thomas Camilleri, li kellu ksur f'imniehru. Sostna li huwa kien ezamina lil Camilleri lejn l-ahhar ta' Lulju 2018.

**Dottor Mario Scerri u Mr Charles Borg** xehdu, li ezaminaw lil Thomas Camilleri fil-15 ta' Awwissu, 2020. Sostna li mill-ezami li sar, irrizulta li Thomas Camilleri spicca b'cikatrici zghira fuq l-ghadma tal-imnieher, li ma tidhirx *from within talking distance* u ghandu *a mild septal deviation* fuq in-naha tal-lemin, li bilkemm hija *noticeable.*

**Dr Sinisa Lalicevic** xehed li huwa ra lil Thomas Camilleri fl-1 ta' Awwissu, 2018, u li dan kellu frattura f'imniehru. Irrizulta li dan ma kellux bzonn ta' iktar trattament.

**Eunice Grech Fiorini** pprezentat kopja tas-sentenza moghtija fl-ismijiet, il-**Pulizija vs Kurt Galea** deciza fl-10 ta' Marzu, 2015, li minnha ma sarx appell.

**L-imputat** kien irilaxxa stqarrija, wara li rrifjuta d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u li jkollu l-avukat prezenti matul l-interrogazzjoni tieghu. Spjega li fil-lejl ta' bejn is-27 u t-28 ta' Lulju, 2018, huwa kien Gianpula Village, flimkien mat-tfajla tieghu, Gizelle Spiteri. Qal li ghal habta ta' xi 04.30 ta' filghodu, hu u t-tfajla tieghu kienu mexjin lejn il-karozza tieghu. Spjega li huwa kien miexi ftit aktar 'il quddiem biex jghaggel, halli jgib il-karozza. Spjega li f'daqqa wahda, beda jisma' lit-tfajla tieghu tghajjatlu b'mod panikuz, u malli dar, jara ragel jipprova jigbed lit-tfajla tieghu, lejn in-naha l-ohra fejn xi hbieb ohra tieghu. Spjega li huwa ma kienx jaf min hu dan ir-ragel, u wara dan l-incident, sar jaf ukoll li lanqas it-tfajla tieghu ma kienet taf min hu dan ir-ragel. Spjega li t-tfajla tieghu bdiet thares lejh b'mod sfurzat, peress li dan ir-ragel kien qed jigbidha. Ghalhekk kompla jghid li huwa gera lejhom, beda jghajjat biex ihalli lit-tfajla libera, u mar biex jigbed it-tfajla tieghu lejh. Spjega li pprova jnehhi lil dan ir-ragel minn mat-tfajla tieghu billi mbuttah, u meta kien qed jipprova jifridhom, dan ir-ragel waqa', baqa' jzomm mat-tfajla tieghu u minhabba f'hekk, kemm ir-ragel, kif ukoll it-tfajla tieghu, waqghu mal-art. Spjega li peress li dan ir-ragel baqa' jzomm lit-tfajla, huwa tah daqqa wahda, sabiex jipprova jhalliha, b'saqajh u gabar lit-tfajla tieghu. Qal li dar u mexa lejn il-karozza.

L-imputat kompla jghid fl-istqarrija, li l-intenzjoni tieghu ma kinitx biex iwegga' lil dan ir-ragel, izda biex jipprotegi lil din it-tfajla. Qal li kieku l-intenzjoni kienet li jwegga' lil dan ir-ragel, huwa kien jibqa' jaghtih u mhux jitlaq' 'l hemm. Insista li huwa ma kienx jafu lil Thomas Camilleri. Spjega wkoll li jahseb li dan ir-ragel kien daqxejn fis-sakra, u li hu rrifjuta li jitlaq lit-tfajla, u din kienet ir-raguni ghalfejn tah daqqa wahda. Tah daqqa wahda biex jitlaq lit-tfajla.

**L-imputat** ghazel li jixhed *viva voce* quddiem din il-Qorti, fejn spjega li f'Lulju 2018, Giselle Spiteri kienet it-tfajla tieghu. Spjega li kien flimkien maghha Gianpula, u kienu hergin ghal xi l-erbgha ta' filghodu. Spjega li peress li Giselle Spiteri kienet liebsa t-takkuna, huwa mar jimxi qabilha biex jilhaq igib il-karozza. X'hin kien miexi, huwa spjega li beda jisma' lit-tfajla ssejjahlu b'ismu. Huwa dar u ra ragel b'idu madwarha, u kien qed jipprova jigbed lil din it-tfajla lejn id-direzzjoni opposta, fejn kienet qieghda miexja. Qal li huwa ppanikja, ghaliex ma kienx jaf min hu dan ir-ragel. Qal li beda jghajjat biex dan ir-ragel ihalli lit-tfajla, izda dan baqa' jzomm maghha. Qal li huwa gibed lit-tfajla lejh, izda dan ir-ragel ma riedx jitlaq lil din it-tfajla. Qal li kien qed izommha minn spallejha. Spjega li huwa mar biex inehhilu idejh minn mat-tfajla. Qal li mbuttah u dan ir-ragel imbuttah ukoll. Qal li x'hin mar biex inehhi jdejh minn mat-tfajla, dan ir-ragel waqa' mal-art. Sostna li meta waqa' mal-art, dan baqa' jzomm mat-tfajla u kaxkar lit-tfajla mal-art. Spjega li Thomas kien mal-art u hi kienet mal-art ukoll. Qal li huwa mar biex jghin lit-tfajla tqum, izda Thomas Camilleri rega' qabad saqajn it-tfajla u ma riedx jitlaqha. Kien ghalhekk li f'dak il-mument, huwa ta daqqa ta' sieq lil Thomas Camilleri, biex ikun jista' jipprova jehles minnu. Sostna li meta rnexxielu jnehhilu idejh minn ma' Giselle, huwa ghinha tqum. Sostna li huwa ma tax kaz lil Thomas Camilleri, u mexa flimkien mat-tfajla lejn il-karozza.

Sostna li huwa ma jafx fejn ta d-daqqa ta' sieq, ghaliex l-intenzjoni tieghu kienet sabiex jghin lit-tfajla tieghu. Ikkonferma li huwa kien laqat lil Thomas Camilleri, izda ma jafx fejn. Sostna li x'hin kien qed ikellem lil Thomas, dan beda jghidlu min hu u ma kienx qed jagixxi ta' bniedem normali. Sostna li Giselle bdiet tghajjat ismu, izda kienet tidher imbezza'. Sostna li huwa ma kellux l-intenzjoni li jiggieled jew jargumenta. Spjega li t-tfajla tieghu ma riditx taghmel rapport mal-Pulizija.

In kontroezami, huwa spjega li sar jaf li Thomas Camilleri kien ir-ragel involut f'dan l-incident, tramite siehbu. Sostna li ma tantx kien hemm diskors skambjat, bejnu u bejn Thomas Camilleri. Spjega li dan l-incident dam inqas minn minuta. Ikkonferma li kien hemm shab Thomas Camilleri fil-vicin, izda hadd ma nvolva ruhu. Sostna li Thomas kien gharkubbtejh qed jipprova jqum, meta pprova jigbed ma' saqajn Giselle. Spjega li kien qed iqum x'hin huwa tah daqqa ta' sieq. Sostna li huwa mar minn wara Giselle, biex jerfaghha minn idejha. Sostna li wara li ta din id-daqqa wahda, huwa lanqas biss hares lejn Thomas. Sostna li ma sema' xejn. Sostna li Thomas waqa' qisu fuq wiccu u kien gibed lil Giselle, fejn hi daret u giet fuq dahru. Imbaghad meta kien qed jipprova jqum, Thomas qabad ma' saqajn Giselle, u dar, u huwa xejjer daqqa ta' sieq.

L-imputat cahad li Thomas u t-tfajla, waqghu ghaliex huwa gibed lit-tfajla lejh. Huwa kkonferma li ta d-daqqa ta' sieq, biex inehhi lil Thomas minn mat-tfajla. Sostna li d-daqqa ma kinitx bis-sahha. Sostna li huwa ma kienx jaf li Thomas intilef minn sensih, izda sostna li dan intilef minn sensih, mhux minhabba d-daqqa tieghu, ghaliex dak il-hin huwa kien qed jipprova jerfa bniedma u jnehhiha minn ma' Thomas. Sostna li kien qed iwiezen il-piz ta' Giselle fuq idejh.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-**ewwel** imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Thomas Camilleri. Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, l-Artikoli li saret referenza ghalihom mill-Avukat Generali, huma l-Artikoli 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv), 216(1)(b), 216(1)(c), 216(1)(d), 218(1)(a)(b) u 218(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi d-difiza tallega li l-incident mertu ta' dawn il-proceduri, sehh minhabba l-atteggjament tal-parte civile, li kien fis-sakra, u li kien avvicina lit-tfajla tal-imputat, meta dan l-istess parte civile ma kienx jafha, u lanqas qatt ma kien kellimha qabel.

Irrizulta mill-provi prodotti, li l-imputat kien miexi f'distanza quddiem l-istess Giselle Spiteri, u din giet avvicinata minn Thomas Camilleri, li lanqas ma kienet tafu, fis-sighat bikrija ta' filghodu, gewwa l-parkegg ta' Gianpula. Ghalkemm Thomas Camilleri cahad li huwa b'xi mod kien dawwar idejh madwar spallejn Giselle Spiteri, l-istess Giselle

Spiteri u  kif ukoll l-imputat, ikkonfermaw li hekk kien gara, u li f'din is-sitwazzjoni, l-istess Giselle ma kinitx komda.

Mix-xhieda migbura, b'mod partikolari dik moghtija minn Giselle Spiteri u mill-imputat, irrizulta li l-imputat dar lejn u mar fejn it-tfajla tieghu u Thomas Camilleri, u pprova jigbed lit-tfajla tieghu lejh, izda kagun tal-fatt li Thomas Camilleri ma rehiex lill-istess tfajla, Camilleri spicca waqa' fl-art flimkien ma' Giselle Spiteri.

Ghalkemm, Thomas Camilleri sostna li huwa hass forza gejja minn wara, din il-Qorti, meta gharblet ix-xhieda prodotta anke minn terzi persuni, jirrizultalha li l-verzjoni moghtija mill-imputat u minn Giselle Spiteri, hija dik realistika u konkreta.  Dana iktar u iktar meta wiehed iqies li minn notamenti medici ezebiti, jirrizulta li Thomas Camilleri kien ikkonsma ammont gholi ta' alkohol f'dik is-serata, u kif ukoll meta wiehed jikkonsidra li fix-xhieda tieghu, Thomas Camilleri ma setax jiftakar ammont ta' dettalji dwar x'sehh immedjatament qabel dan l-incident.

Irrizulta wkoll li wara din il-waqgha, l-imputat ta daqqa wahda biss lil Thomas Camilleri, meta dan kien ghadu gharkubbtejh.  Dan gie kkonfermat mix-xhieda okulari moghtija minn Peter Mizzi, u kif ukoll minn Diego Borg.  L-istess imputat ukoll ikkonferma dan, kemm a tempo vergine, u kif ukoll waqt is-smigh ta' din il-procedura.  Izda l-imputat insista dejjem, illi huwa ta din id-daqqa, bl-intenzjoni biss li jirnexxielu jillibera lil Giselle Spiteri minn ma' Thomas Camillerit, peress li dan kien baqa' jipprova jzommha mieghu.

Huwa ghalhekk li d-difiza sostniet li l-imputat agixxa biss *in legittima difesa,* fir-rigward ta' Giselle Spiteri u l-inkolumità taghha, stante li din spiccat avvicinata fis-sighat bikrin ta' filghodu, minn ragel xurban li ma kinitx tafu, u li spicca qed imexxiha fid-direzzjoni opposta li kienet sejra, u cioè lejn shabu.

Illi dwar il-*legittima difesa*, din il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti gurisprudenza.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro deciza fis-26 ta' Awwissu 1998**, intqal li:

> *Mhux kull minnn "jagixxi biex jiddefendi ruhu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar il-"bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli.*

Fis-sentenza fl-ismijiet, **Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs Clint Zammit, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, deciza fid-19 ta' Mejju, 2014,** inghad:

> *"L-imputat eccepixxa id-difiza ta' self defence ghar-rigward din l-akkuza. Persuna tilqa' b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun intlahqet sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkrejata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti.*
>
> *Fil-fatt l-Artikolu 233 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:*
> *"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor."*
>
> *Dan il-kliem huwa car hafna fih nnifsu. L-Artikolu 224 tal-istess Kap. 9 jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.*
>
> *Jigi rilevat minnufih li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwentement naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Micallef' (Vol. XXXIV pg. 1072) intqal li:*
>
> *"Id-disposizzjoni tal-ligi li tiskuza lil min jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-proprjeta tal-feritur, tirrikjedi li l-azzjoni, biex ikun skuzabbli, ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qed tigi nvaza l-proprjeta u in difesa attwali taghha."*
>
> *F'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar, 1948 (Riv. Pen.1948 pg. 213) gie ritenut li: "Per la legittima difesa non occorre che sia in atto la violenza;*

*basta il pericolo. E' sufficiente il gustificato timore di un offesa imminente. Nemo tenetur expectare doneo perciliatur."*

*Il-ligi taghna pero' timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, fil-gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri, il-perikolu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista' jaghti kaz biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima.*

*Il-periklu jrid wkoll ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw, u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (l-imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza. Fil-fatt il-Professur Mamo fin-Noti tieghu tal-ligi penali jghid:*

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Fil-fatt, fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Psaila' jinghad li:*

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli.*

*Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar, 1995, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila,** jinghad fuq dina l-iskriminanti s-segwenti:

*"Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-periklu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw."*

Issir referenza wkoll ghal dak li qalet din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fis-7 ta' Jannar, 2009, fl-ismijiet, **Il-Pulizija Supretendent Sharon Tanti vs Alex Calleja**, fejn intqal:

*"Illi pero, l-imputat qajjem d-difiza ta' legittima difesa kif kontemplata fl-artikolu 224 tal-Kap 9.*

*Illi kif huwa ben saput, il-gustifikazzjoni ghall-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiza, izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak l-perikolu jew theddid jew dannu imminenti. Fil-fatt l-artikolu 223 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid:*

*"Ma hemmx reat meta omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor." Dan l-kliem huwa car hafna fih innifsu.*

*L-artikolu 224 tal-istess Kap 9 jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima. L-origini tal-artikoli 223 u 224 tal-Kodici Penali ghandhom l-origini taghhom fil-Codice delle Due Sicilie u l-Kodici Franciz. Dan jirrizulta mir-rapport tal-Kummissarju Andrew Jamess li gie ppresentat lil Gvern meta kienu qed jigu promulgati dawn l-artikoli fil-Kodici taghna. Fil-fatt firRapporto sui progetti di legge penali e di organizzazione e procedura penali per l'Isola di Malta (30/05/1835) a fol 2 insibu referenza ghal dawn l-artikoli u cioe':*

*"Essa non e altro nella sua generale sostanza che il Codice Penale per lo regno delle Due Sicilie, il quale Codice si per essere redato nella lingua italiana, come per altre molte valevoli considerazioni, e' quello che meglio di ogni altra, giudichiamo poteva esservi adattato. Essendo poi lo stesso Codice Siciliano non altro che il Codice Penale Francese."*
*Illi ghalhekk il-Qorti sejra taghmel referenza ghal kommentaturi fuq dawn iz-zewg Kodici b'referenza ghal dawn iz-zewg artikoli.*

*Jigi rilevat li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li*

*jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha, cioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi, u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem taddifensur. Vuol dire li dak li ghamel l-imputat, ghamlu, peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setghax jevita l-perikolu li setgha irrizulta bl-agir talaggressur salv b'dak li ghamel l-imputat. Ghalhekk, kif jghid il-Professur Mamo, il-perikolu ghandu ikun attwali, istantaneo u assolut u b'hekk mhux perikolu premeditat.*
*Il-Professur Mamo jghid:*

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Wiehed irid jpoggi lilu nniffsu fil-posizzjoni li jkun fiha limputat kemm mentalment kif wkoll fizikament, fil-mument meta l-istess imputat agixxa ghar-reazzjoni li kien infaccjat biha, u cioe' l-hsieb tieghu li kien ser jigi aggredit, f'dan ilkaz b'mus mid-distanza li kien u cioe tant vicina. Huwa importanti li l-perikolu ikun attwali mhux imminenti kif jghid u jispjiega Antolisei:*

*"Occorre infine che l'aggressore abbia creato per il diretto preso di mira un pericolo attuale. Il Codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente' dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula (pericolo attuale) si e voluta porre in rilieva che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e il pericolo presente' (Manuale di Diritto Penali – Parte Generale - pg. 261).*

*Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Toni Micallef – Vol XXIX pt iv pg. 734, deciza fis-sittax ta' Ottubru, 1937, ilQorti qalet sabiex jissusisti l-legittima difesa hemm bzonn li wiehed ikun agixxa biex jirrespingi xi hsara li kienet sejra ssir fuq il-persuna tieghu minn perikolu imminenti ta' aggressjoni; liema aggressjoni trid tkun ingusta, gravi w inevitabbli.*

*Din tkun wkoll l-linja mehuda fil-gurisprudenza taljana kif konfermata f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione di Roma tal-hamsa w ghoxrin ta' Frar,1978 (Anali della Giurisprudenza Italiana(1878) Parte Penale - pg. 56):*

*"Che difatto, a costruire lo stato di legittima difesa nell'agente, e mesteri che questo si trova sotta l'attuale minaccia d'un male ingiusto, grave ed inevitabile."*

*F'dan ir-rigward, l-ligi Skocciza hija simili hafna, fil-fatt kif gie deciz fil-HM Advocate vs Kizileviczius 1983 JC ( A Casebook of Scottish Law ) pg 347 - li :*

*"To reach the first result, that is to say the result of complete acquital, you must be satisfied of two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have satisfied two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have been well founded and there must have been no other means of escaping from the danger to which he was subjected. The second point that you must be satisfied that the means which he took to overcome the assualts were necessary."*

*Ghalhekk sabiex jissusisti d-difiza ta' legittima difesa irid ikun hemm dawn it-tlett elementi li l-aggressjoni tkun ingusta, gravi w inevitabbli.*

*Rigward l-ewwel element u cioe li l-aggressjoni trid tkun ingiusta, mhuwiex necessarju li jkun hemm vjolenza ghaliex il-Kodici jittratta biss fuq "offiza".*
*Skond Antolisei "l'oggetto dell'attacco deve essere un diritto". Rigward il-gravita o meno tal-azzjoni, Manzini filktieb tieghu Trattato di Diritto Penale (parte generali pg. 358) jghid:*

*"La giustificante dell articolo 52 (which corresonds to our Sec 223) non e affalto condizionale alla irreparabilita del danno ma richiede soltanto che siavi un pericolo attuale e d'ingiusta attesa."*

*Il-Professur Mamo jghid:*

*"The act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed would have inflicted upon the person "irreparable" evil and the law considers as "irreparable" and consequently grave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent."*

*Fit-tielet lok l-inevitabilita.*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Frar, 1958, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Emily Zarb, il-Qorti tenniet li fost l-elementi li huma mehtiega biex tigi akkordata l-iskriminanti tal-legittima difesa hemm l-fattur tal-inevitabilità, u minghajr l-konkors ta' dan il-fattur ma jistghax jinghata din l-iskriminanti. Infatti f'Anali della Giurisprudenza Italiana (pt 4, pg. 32 - Roma - 25/01/1898) gie deciz li:*

*"Per averci la legittima difesa non basta che vi sia il grave ed imminente pericolo della persona, ma e anche necessario che essa non posa evitarsi in altro modo che col ferire ed uccidere l'aggressore."*

*Sabiex l-perikolu jfisser 'situazione inevitabile', il-perikolu jrid ikun "sudden" u cioe' li l-imputat ma kienx jaf bil-perikolu ghaliex f'kaz li l-perikolu kien anticipat b'certezza, ma kienx ikun hemm legittima difesa izda provokazzjoni. Irid ikun attwali u cioè li l-aggressjoni tkun diretta lejn il-vittma necessitas est lex. Fil-fatt gie deciz fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Micallef (vol XXXIX pg 1072) li:*

*"Id-dispozizzjoni tal-ligi li tiskuza lil minn jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-propjeta tal-feritur tirrikjedi li lazzjoni, biex tkun skuzabbli ghandha tizvolgi ruhha dak ilmument stess li tkun qieghda tigi nvaza l-propjeta u in difesa attwali taghha."*

*Fil-fatt Canofari, Il Commentatario al Codice Penali delle Due Sicilie (pg. 204 - lib 11- titole VIII) dwar l-artikolu 373 tal-Codice delle Due Sicilie li jikkorrispondi ghall-artikolu 223 tal-Kap 9, jghid:*

> *"La legge e protettrice della difesa privata non della privata vendetta; ella protegge le impulsioni della natura nei momenti della necessita a del periglio, non gli eccessi. Protegge il diritto, non il reato."*
>
> *L-aggressjoni trid tkun assoluta cioe' kif jghid Carrara (pg. 209 - 306 Programma):*
>
> *"Cioe che nel momento stesso del pericolo non posso questo declinarsi con altri mezzi innocenti. Tali mezzi si riducono alle preghiere, all'acclamazione alla fuga."*
>
> *Skond l-Imhallef Harding, kif gie deciz fil-kawza fuq imsemmija Il-Pulizija vs Toni Micallef, ir-rekwizit talgravita jezigi certa proporzjoni bejn l-offiza u r-reazzjoni."*

Dwar il-*legittima difeza* huwa interessanti wkoll dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs David Farrugia**, deciz fis-26 ta' Mejju, 2016.

Illi minn dawn l-insenjamenti jemergi, li d-difiza trid tkun saret sabiex jigu evitati konsegwenzi li jekk javveraw ruhhom, jikkagunaw hsara irreparabbli lill-imputat jew lil persuna ohra. L-imputat irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu biex jevita l-perikolu li ma setax jigi evitat b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ried ikun attwali ta' dak il-hin, u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, jew ta' xi perikolu li jista' jsehh aktar tard, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni, u mhux difiza legittima. Il-perikolu irid ikun ukoll assolut, cioè li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setax jigi evitat b'xi mod iehor.

In oltre, l-element ta' inevitabilità jigi nieqes, meta wiehed minflok ma' jevita l-inkwiet, (meta dan ikun jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat), imur jaffrontah. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri, fis-sentenza moghtija fil-kawza, **Repubblika ta' Malta vs Martina Galea**, fl-14 ta' Jannar, 1986, intqal li:

> *"…. huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiza hija l-inevitabbilita', meta l-akkuzat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could".*

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma thossx li l-imputat agixxa in *legittima difesa,* ghaliex huwa ma kienx affrontat b'xi perikolu iminenti u attwali. Lanqas ma rrizulta li Giselle Spiteri kienet affrontata b'xi perikolu iminenti u attwali. Tant hu hekk, li fix-xhieda taghha, ghalkemm stqarret li kienet qed thossha skomda mill-atteggjament ta' Thomas Camilleri, hija fl-ebda hin ma ghajtet ghall-ghajjut, jew b'xi mod ippruvat tiddefendi lilha nfisha. L-unika haga li ghamlet kienet, li sejjhet lil Kurt Galea, u kien dan imbaghad li ha l-azzjoni fil-konfront ta' Thomas Camilleri, li spicca waqa'. Izda dan ma kienx bizzejjed ghal Kurt Galea, tant li meta gie biex jghin lit-tfajla titla' minn mal-art, huwa rega' ta daqqa wahda ta' sieq lil Thomas Camilleri, li kien ghadu gharkubbtejh fl-art. Biex jiskuza dan l-agir, Kurt Galea sostna li huwa ghamel dan ghaliex Thomas Camilleri kien ghadu mqabbad mat-tfajla tieghu, u ma riedx jerhiha. Izda dan l-allegat fatt, ma giex ikkorraborat mix-xhieda moghtija minn Giselle Spiteri. In oltre, mix-xhieda moghtija minn Diego Borg, Thomas Camilleri spicca *knocked out,* bid-daqqa li nghata bis-sieq mill-imputat.

Mill-assjem tal-fatti hekk kif tressqu quddiem din il-Qorti, din il-Qorti ma tqisx li l-agir ta' Thomas Camilleri holoq xi periklu tant gravi, li ma setax jigi evitat bl-ebda mod iehor mill-imputat. Il-Qorti tqies ghalhekk, li f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti hi tal-fehma illi ma jirrizultawx l-estremi kollha ghall-applikazzjoni tal-iskriminanti tal-*legittima difeza,* u dana a tenur tal-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali.

Anke l-linja difensjonali taht l-Artikolu 227(d) tal-Kap 9 ma tregix, stante li l-fatti f'dan il-kaz, ma jinkwadrawx ruhhom fl-elementi li jridu jigu ppruvati mill-imputat, sabiex id-difiza tal-legittima difiza tkun invokata b'success. Sabiex ikollok l-eccess tal-legittima difiża, wiehed irid jara l-ewwel, jekk ic-cirkostanzi tal-kaz jinkwadrawx ruhhom, f'kaz ta' legittima difiża, u jekk iva mbaghad, il-Qorti tara jekk ir-reazzjoni kinitx wahda proporzjonata jew le ghal minaccja. Però jekk wiehed jasal ghall-konkluzjoni, kif gara f'dan il-kaz, li m'hemmx legittima difiza, ma jistax jikkonsidra sussidjarjament, l-eccess tal-legittima difiza. Jekk m'hemmx legittima difiza, wiehed ma jistax jitkellem dwar eccess ta' legittima difiza (Ara Qorti tal-Appell Kriminali, 14 ta' Jannar, 2015, **Il-Pulizija v. Daniel Briffa**). In oltre, il-Qorti tqis illi l-imputat ireagixxa b'mod kemmxejn vjolenti, meta huwa ra lil Thomas Camilleri jitkellem ma' Giselle Spiteri. Mic-certifikati medici esebiti, jirrizulta illi Camilleri sofra ksur f'imniehru, u li kien inghata daqqa wahda minn Kurt Galea, waqt li kien qieghed gharkobbtejh, wara li l-istess Thomas Camilleri kien ghadu kif waqa' mal-art. Meta wiehed iqies dawn il-griehi sofferti minn Thomas Camilleri, mal-fatt li la Giselle Spiteri u lanqas l-imputat ma soffrew xi griehi, jirrizulta illi l-imputat irreagixxa b'mod eccessiv, meta ra lil Thomas Camilleri qed ikellem lil Giselle Spiteri. Din il-Qorti ma tqisx li fic-cirkostanzi, fejn mix-xhieda sa anke rrizulta li

kien hemm diversi persuni fl-inhawi li kienu lkoll hergin mill-club Gianpula, ma kienx hemm xi cirkostanzi ta' biza' jew twerwir li jgibu l-impunità fl-azzjoni, li ddecieda li jiehu l-imputat fil-konfront ta' Thomas Camilleri.

Il-Qorti sejra issa tghaddi, ghall-klassifikazzjoni tal-griehi sofferti minn Thomas Camilleri. Il-klassifikazzjoni ta' griehi ai fini tal-Artikoli 216 u 218 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija kwistjoni ta' natura legali, li ghandha tigi determinati mill-Qorti.

F' **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fit-30 ta' Lulju, 2004, intqal li:

> *"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza"..."*

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut,** deciza fit-2 ta' Awwissu, 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> *"Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".*

Fis-sentenza fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Joseph Apap** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fit-8 ta' Frar, 2018, saret referenza ghas-segwenti gurisprudenza:

> *"Illi l-principji li jirregolaw il-klasifikazzjoni ta' griehi ai fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti f'l-ordinament guridiku taghna. Fil-gurisprudenza huwa pacifiku li:*
>
> *Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*

Fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju, l-Avukat Generali indika s-segwenti Artikoli: 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv), 216(1)(b),216(1)(c), 216(1)(d), 218(1)(a)(b), 218(2) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta:

> *"216.(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin –*
>
> *(a) jekk tista' ġġib periklu –*
> *(i) tal-ħajja; jew*
> *(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*
> *(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*
> *(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*
>
> *(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*

*...218.(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minnħamsa sa għaxar snin –*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jewfil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;...*

*(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem,u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk."*

Illi din il-Qorti tqis li l-lezjoni sofferta minn Thomas Camilleri, kienet ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 216(1) (d). In fatti, mix-xhieda prodotta, b'mod partikolari dik moghtija minn Dr. Mario Scerri, jirrizulta li: *'l-fracture dislocation tan-nasal bones hija rizultat ta' blunt trauma fuq l-imnieher u hija lezjoni ta' natura gravi per durata.'* Id-difiza taghmel referenza ghall-fatt li t-Tabib Imeo Ben Moussa sostna, li wara ftit jiem, inqalghet l-isplint, u ma kienx hemm bzonn ta' aktar trattament. Izda dan fix-xheida tieghu, kull ma qal kien fis-sens, li l-ksur kien beda jghaqqad, u li ma kienx hemm bzonn ta' iktar kura jew assistenza medika biex il-ksur jghaqqad. B'daqshekk iżda, ma ntqalx li l-ksur fieq fi ftit jiem, hekk kif sostniet id-difiza. Ma tqisx iżda, li l-estremi ravvizati fl-Artikolu 218 gew ippruvati mill-Prosekuzzjoni, anke fid-dawl tar-rapport tal-esperti mahtura minn din il-Qorti, waqt is-smigh ta' din l-istess kawza.

Dwar it-**tieni imputazzjoni,** din il-Qorti qieset li din giet ippruvata, peress li giet ipprezentata vera kopja tal-istess sentenza, u r-rapprezentant tal-Qrati Kriminali, Eunice Grech Fiorini, xehdet li ma kien sar l-ebda appell minn din is-sentenza. Il-Qorti qieset

ukoll li l-konnotati tal-imputat, u cioè l-isem u n-numru tal-karta tal-identità tal-imputat odjern tikkoincidi mal-isem u man-numru tal-karta tal-identità tal-imputat, fil-kawza deciza fit-18 ta' Ottubru, 2014.

Illi dwar il-**piena**, din il-Qorti hasbet fit-tul rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat. Min-naha l-wahda, il-Qorti ghandha quddiemha imputazzjonijiet li gew ippruvati u li huma serji, u min-naha l-ohra ghandha quddiemha fedina penali mhux inkwetanti, u guvni zaghzugh li ghadu jibda l-hajja tieghu.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 31, 214, 215 u 216(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sena, bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez kollha peritali nkorsi, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' €507.20c. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx, jigu konvertiti fi prigunerija ai termini tal-Ligi.**

**In oltre, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, biex tipprovdi ghas-sigurtà ta' Thomas Camilleri u ghaz-zamma tal-ordni pubblika, qed torbot lill-hati b'obligazzjoni tieghu nnifsu ghall-perjodu ta' sena, taht penali ta' hames mitt Euro (€500), u dan skont il-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment.**

**Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju, l-import ta' din is-sentenza, u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena, u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.**

**Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation.**

**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Janet Calleja**
**Deputat Registratur**